# IŻ-ŻWIEĠ, DARI U LLUM

MINN JOHN VASSALLO

*L-EWWEL PARTI*

Qabel ma nibda nikteb fuq is-suġġett tal-lum, nixtieq inżid xi ħaġa oħra ma dak li ktibt fil-ħarġa ta' Diċembru li għadda.

Tafu li semmejt xi taqbiliet li n-nies kienu jitolbu jew jgħannu lil San Nikola. Ftit wara li deher l-artiklu tiegħi sirt naf b'oħra li qatt ma kont smajt qabel. Dan jgħid hekk:

*San Nikola lluminani*
*Inkella ma nagħmlu xejn.*
*Jekk issibli għarus għal qalbi*
*Nagħtik xemgħa ta' ratlejn.*

It-tajba hi li din qaltli biha waħda minn Ħaż-Żebbuġ. Dan ifisser li San Nikola ma kienx magħruf biss is-Siġġiewi, iżda wkoll fl-irħula tal-qrib. Niġu issa għas-suġġett ta' din il-ħarġa.

Wara li San Nikola jkun sabilna waħda jew wieħed, x'kienu d-drawwiet ta' missirijietna fil-festa tat-tieġ ta' dari, u x'inbidel minn dari għal-lum? Billi din hija storja twila jkolli naqsam dan l-artiklu f'aktar minn parti waħda.

Nibda biex ngħid li dawn id-drawwiet li ser insemmi fuq l-egħrusija u ż-żwieġ ma kinux xi ħaġa tas-Siġġiewi biss. Anzi nistgħu ngħidu fiċ-ċert li l-anqas ma kienu mija fil-mija tagħna l-Maltin. Irridu nżommu f'moħħna li aħna ġejna maħkuma minn għadd ta' nazzjonijiet barranin. Għalhekk, żgur li ħafna drawwiet li se nsemmi ntirtu minn għand dawk li ħakmuna.

## Il-ħuttab

Meta nisimgħu l-kelma ħuttab, ħafna minna tiġihom f'moħħhom dik il-persuna li tidħol bejn il-bejjiegħ u min ikun ser jixtri xi għalqa, dar, bhima jew prodott tar-raba' bħal silla, basal jew patata. Imma li l-ħuttab joħtob bniedem donnha ma tinżilx. Biss, hekk kien jiġri biex issib għarusa, u dil-ħaġa kienet għadha teżisti fis-Siġġiewi sa ħamsin sena ilu. X'hinu x-xogħol tal-ħuttab f'għerusija ta' tnejn min-nies?

Kienet drawwa li meta missier ikollu xi bint għaż-żwieġ, kien ipoġġi fuq il-bejt ta' daru, imkebba (hawn min kien igħidilha l-imħalla). Din kienet biċċa għodda ta' min jaħdem is-suf tan-ngħaġ f'ħajt, biex wara jintiseġ bin-newl. Wara li jkun għażlu bl-imgħażel kien ikebbu fuq speċi ta' qasba twila daqs metru b'injama twila daqs ħmistax-il ċentimetru f'kull tarf li fuqhom kien jitkebbeb is-suf.

Oħrajn kienu jpoġġu qasrija b'xitel tal-qronfol fil-ħoġor tat-tieqa li tagħti għal barra. Meta tkunu għaddejjin fit-toroq l-antiki tas-Siġġiewi, nixtieqkom tinnotaw li ħafna mit-twieqi li jagħtu għal barra għandhom żewġ ħarriġiet, waħda kull naħa l' sfel mis-soll tal-ħajt. Fuq dawn kien ikun hemm xriek li fuqu kienu jpoġġu l-qsari. Għad baqa' numru żgħir minn dawn, fosthom waħda li hemm fi Triq S. Margerita l'isfel minn *Mulino a Vapore.*

Meta xi ġuvni jew xi armel jaqtagħha li jiżżewweġ, kien iqabbad wieħed mill-ħuttaba. Dan kien idur dawra mar-raħal ifittex ix-xtieli tal-qronfol fit-twieqi jew xi mkebba fuq il-bejt. Meta jsib xi waħda, possibilment dik li l-aktar ikun issuġġerielu l-għarus, kien javviċina t-tfajla u 'l missierha u jgħidilhom b'kollox.

Ejja ngħidu, din taċċetta.

Hawn tibda storja oħra, kurjuża u kważi tad-daħk. Imma dak iż-żmien ma kienx hekk.

## L-għerusija

Wara li taċċetta, it-tfajla kienet tissakkar fid-dar u ma toħroġx,' l-anqas għal quddies ta' nhar ta' Ħadd. Dan kien jibqa' sejjer hekk sa jum it-tieġ. Jekk xi darba dil-povra jfettlilha toħroġ mingħajr ma jkun jaf min ħotobha jew l-għarus, dan ta' l-aħħar kien ikollu kull dritt li jitlaqha mingħajr hi ma tkun tista' tfittxu għal xi danni.

Xi daqqiet kienu jsiru żwiġijiet mingħajr ma l-għarus ikun qatt ra l-għarusa b'għajnejh sa dak in-nhar tat-tieġ. Stramba hux!

Jekk kollox imur sewwa, il-ġenituri ta' l-agħrajjes jiltaqgħu flimkien. L-ommijiet kienu jmorru fil-ġnien jew f'xi rokna għaliha u kienu jwettqu drawwa tassew kurjuża.

F'merhies, kienu jisħqu ftit zokkor ma' xi ħwawar u niskata melħ u jħallu kolox flimkien ma' ftit għasel ta' Malta. Meta jlestu kienu jmorru fil-kamra ta' l-għarusa u jagħtuha tixrob ftit minn din it-taħlita ħelwa. Kienu jgħidu li b'hekk l-għarusa tkellem lil żewġha bil-ħlewwa u mhux bil-ħerra.

Wara dan, kienu jifthiemu fuq jum li fih jistiednu xi nies, u dak in-nhar il-ġenituri kienu jagħtu rigali lill-agħrajjes. Xi ftit żmien wara dan kien isir l-istedin għat-tieġ.

## It-Tieġ

Jasal jum it-tieġ. L-għarusa tillesti u l-ikbar fost il-qraba tpoġġilha velu abjad fuq rasha u tordna l-baldakkin. L-għarusa, flimkien mal-mistednin jitilqulha lejn il-knisja għaċ-ċerimonja tat-tieġ. Malli joqorbu lejn il-knisja

kienu jiġu milqugħin bid-daqq tal-qniepen u l-orgni. Sadattant naraw kif kienet issir dil-purċissjoni mid-dar sal-knisja.

Kienu jimxu quddiem nett xi daqqaqa tal-vjolin, oħrajn bil-kitarri u xi oħrajn b'xi strumenti mużikali oħra. Fit-triq dawn kienu jieqfu u jkantaw lill-agħrajjes. M'għandniex xi ngħidu, xi taqbil kienu jqabblu wkoll.

Wara dawn kienu jimxu tlett irġiel. Wieħed minn dawn kien iġorr bixkilla b'ħobż magħmul apposta bi bnadar żgħar jew, flok dawn, ħobża ċatta msejħa 'Karċilla', b'żewġ statwi żgħar li jirrappreżentaw 'l-agħrajjes (Illum dawn jitpoġġew fuq il-kejk tat-tieġ). Dan l-istess raġel kien iġorr ukoll ħobża tonda minn spalltu tax-xellug għan-naħa tal-lemin. Din kienet tissejjaħ 'Kollura'. Wara t-tieġ din kien iżommha għalih.

It-tieni raġel kien iżomm bixkilla oħra bil-maktur ta' l-għarusa forma ta' lembut u b'santa tal-Madonna, San Ġużepp u l-Bambin, jew, kif konna nsejħulha dari, tas-Sagra Familja. Din l-istess bixkilla kienet tkun mimlija ġellewż, lewż u ħelu. Dawn kienu jiġu mqasmin lin-nies li kienu jiltaqgħu magħhom fi triqithom lejn il-knisja minn wieħed mill-qraba ta' l-għarusa.

*(Jissokta f'ħarġa oħra)*

Neriku
CONFECTIONERY

CATERERS FOR ALL OCCASSIONS
TEL: 236688 - 220567

SALA JOHN JANE
SIĠĠIEWI

Għal kull okkażjoni
Tel. 467802